16 ta' Ottubru, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Vella et.

**Lukanda — Prostituzzjoni — Inseparabilità Ġuridika jew Naturali, u Inseparabilità Aċċidentali — Reat Uniku — Appell — Art. 7(1) u 8(1) tal-Kap. 102**

*Il-fatt li bniedem, li hu responsabbli għall-amministrazzjoni ta' lukanda, sjentement iżomm jew jeżerċita l-istess lukanda, jew parti minnha, għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, u l-fatt li dak il-bniedem jkun għex, għal kollox jew f'parti, mill-qliegħ tal-prostituzzjoni jew ta' skopijiet oħra immorali huma konnessi ġuridikament u naturalment, u mhux aċċi-*

*dentalment biss; u għalhekk it-tieni reat huwa assorbit fl-ewwel wieħed, u ż-żewġ ħtiġiet jikkostitwixxu reat uniku.*

*Meta ma hux il-każ ċar ta' enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi u ta' l-applikazzjoni ta' dik l-ipotesi għall-fatt, imma jkun hemm dubju dwar l-appellabilità, għandu jiġi ritenut li d-deċiżjoni mhix appellabbli; għax il-prinċipju ta' l-enunċjazzjoni żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi ma għandux jiġi sfurzat b'mod li jiġi applikat anki f'każ ta' dubju.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni kontra Giuseppe Vella (1) talli f'dawn l-aħħar sentejn, bħala bniedem responsabbli għall-amministrazzjoni tal-lukanda magħrufa bħala l-Midland Hotel, li qegħda fi Triq Sant'Ursola, il-Belt Valletta, xjentement żamm u eżerċita l-istess lukanda, jew parti minnha, għall-iskop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, meta din il-lukanda kienet frekwentata, jew magħduda bħala frekwentata, għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, u (2) talli għex, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni jew ta' skopijiet oħra immorali; u kontra Assunta Mercieca talli ħadet sehem, direttament jew indirettament, minn xi qligħ ta' dan l-eżerċizzju, billi ħadet parti attiva fl-eżerċizzju tal-lukanda msejħa l-Midland Hotel, li kienet frekwentata, jew magħduda bħala frekwentata, għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Rat l-attijiet kollha tal-kumpilazzjoni;

Rat il-komunikazzjoni ta' l-Attorney General tad-9 ta' Lulju, 1954;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-2 ta' Awissu, 1954, li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel akkuża, u kkundannatu għall erbgħa xhur priġunerija u għall-multa ta' £50, u lliberatu mit-tieni akkuża; u ma sabetx *lill-imputata Mercieca ħatja*, u *lliberatha*;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih appella kontra l-assolutorja mit-tieni akkuża kwantu għall-imputat, u kontra l-assolutorja ta' l-imputata;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

**Dwar** l-appell kwantu għall-imputat;

Għalkemm hu veru dak li osserva l-Attorney General,

billi, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, it-tielet subartikolu ta' l-art. 7 tal-Kap. 102 ma jistabbilixxix rekwiżit tar-reat kontemplat fl-ewwel subartikolu, imma biss jipprospetta każ ta' fatt li fih ikun hemm lok għall-preżunzjoni tal-kommissjoni tad-delitt, salva l-prova in kuntrarju, b'dan kollu, fil-każ in speċje, hemm lok għall-uniċità tar-reat; għaliex meta l-imputat ikkommetta r-reat taħt l-art. 2(1) li tiegħu nstab ħati u li għalih ġie kundannat, hu ġie li kkommetta wkoll, b'nexus ġuridiku u naturali, u mhux meramentu aċċidentali, anki r-reat taħt l-art. 7(1) ta' dak il-Kap., u kwindi ma hemmx lok għal kundanna ulterjuri;

Dwar l-appell kwantu għall-imputata;

L-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità tad-difiża, tidher bażata, għax in sostanza r-raġunamenti ta' l-Ewwel Qorti, motivanti l-assolutorja ta' l-imputata, għalkemm jirrażentaw f'xi punti enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi, però, fil-kumpless, jikkostitwixxu apprezzament ta' fatt, fis-sens li l-Qorti t'Isfel, fost iċ-ċirkustanzi li wassluha tiġi għall-konklużjoni li din l-imputata ma kinitx neċessarjament parti attiva, ħadet anki in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza ta' fatt li hija kienet impjegata bħala seftura. Ma mhux il-każ ċar ta' enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi u ta' l-applikazzjoni ta' dik l-ipotesi għall-fatt; u fid-dubju u dwar l-appellabilità għandu jiġi ritenut, trattandosi ta' materja "in dubiis", u billi l-prinċipju ta' enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi ma għandux jiġi sfurzat, li ma hemmx lok għall-appellabilità tad-deċiżjoni

Għalhekk tiddeċidi:

Kwantu għall-appell vis-a-vis l-imputat

Billi għad li tiddikjarah ħati anki tat-tieni reat, tiddikjara li dan ir-reat assorbit fl-ewwel wieħed, konsolidat fih, u reat uniku miegħu, u li għalhekk is-sanzjoni tal-liġi hija eżawrita bil-kundanna ġa irrogata għall-ewwel reat;

Kwantu għall-appell vis-a-vis l-imputata, tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità sollevata mid-difiża, u f'dan is-sens tirrespingi l-appell ta' l-Attorney General kontra tagħha.